**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2019 – Junqueras i Vies vs Il-Parlament**

**(Kawża T-734/19)**

(2019/C 432/78)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Oriol Junqueras i Vies (Sant Joan de Vilatorrada, Spanja) (rappreżentanti: A. Van den Eynde Adroer, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara li r-rikors kontra l-att ikkontestat flimkien mad-dokumenti annessi tiegħu ġie ppreżentat qabel l-iskadenza tat-terminu mogħti u tilqa' r-rikors;

— ulterjorment, tiddikjara null l-att ikkontestat tal-President tal-Parlament Ewropew;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors preżenti huwa dirett kontra d-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew, D. Sassoli, tat-22 ta' Awwissu 2019, li permezz tagħha huwa ddikjara li ma kellux kompetenza u, għaldaqstant, jiċħad it-talba tal-4 ta' Lulju 2019, intiża sabiex konformement mal-Artikolu 8 tar-Regolament Intern tal-Parlament tinbeda l-proċedura ta' intervent urġenti sabiex tiġi ggarantita l-immunità parlamentari ta' O. Junqueras i Vies.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8 tar-Regolament Intern tal-Parlament Ewropew inkwantu l-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li ma kellux kompetenza sabiex jieħu kwalunkwe konjizzjoni tat-talba għal protezzjoni tal-immunità ta' O. Junqueras i Vies, imressqa fl-4 ta' Lulju 2019 meta l-kawża tqajjem mistoqsijiet serji ta' dritt fir-rigward tal-osservanza tad-dritt Ewropew u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-protezzjoni tal-immunità tal-Membri tal-Parlament Ewropew, u dan mingħajr ebda teħid ta' konjizzjoni tal-kwistjoni u fuq l-unika bażi tal-komunikazzjoni maħruġa mill-Junta Electoral Central de España (il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Spanja) li ddikjarat vakanti s-siġġu ta' O. Junqueras i Vies.

F'dan ir-rigward huwa jsostni li:

— Ir-rekwiżit ta' wegħda jew ġurament lejn il-Kostituzzjoni Spanjola rikjest mil-leġiżlazzjoni elettorali interna huwa rekwiżit ta' natura sostanzjali li jmur kontra dak li huwa previst fl-Acta Electoral Europea de 1976 (l-Att Elettorali Ewropew tal-1976).

— Id-dikjarazzjoni ta' siġġu vakanti min-naħa tal-Junta Electoral Central de España (il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali) għal raġuni mhux prevista fl-Att Elettorali Ewropew tal-1976, u mingħajr ma ngħata bidu għall-mekkaniżmu ta' sostituzzjoni tas-siġġu vakanti tikser l-Artikolu 13 tal-Att Elettorali msemmi u d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

— Id-deċiżjoni hija mingħajr motivazzjoni u arbitrarja, inkwantu kemm is-Sala Penal del Tribunal Supremo de España (is-Sezzjoni Kriminali tal-Qorti Suprema, Spanja) kif ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kellhom dubji serji b'rabta mal-fatti u mas-sitwazzjoni deskritta, li ġiet indirizzata bit-tressiq tad-domanda preliminari li ġiet aċċettata u rreġistrata bin-numru C-502/19.

— L-interpretazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament Ewropew għandha tkun konformi mal-effettività massima tad-drittijiet u tar-regoli stabbiliti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u fl-Artikoli 39, 20(1) u (2), 21 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fl-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 1 għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fl-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 tal-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, fl-Artikolu 5 tal-Att Elettorali Ewropew tal-1976 u fl-Artikolu 3(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament Ewropew, kif ukoll fil-ġurisprudenza u fir-rapporti li jinterpretaw dan kollu, fejn għalhekk id-deċiżjoni mmotivata tal-President tal-Parlament Ewropew li tiddikjara li ma kellux kompetenza jitratta t-talba mressqa konformement mal-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament Ewropew tikser dawn id-dispożizzjonijiet u hija nulla.